RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F45**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F44**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F44 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa F44

**2.00 Korrezzjonijiet F44**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F44

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F44**



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.01 3.02 u 3.03 Is-Sindku nforma laqgha li l-Kunsill kien ircieva twegiba minn Tm dwar Vjal l-Haddiem u iz-*Zebra Cross* ta' Triq Hal Tartarni. Hu kompla billi qal li fl-ittra taghha TM nfurmat lil Kunsill li dwar Vjal il-Haddiem Tm qieghda tipprepara l-istimi ghax-xogholijiet ta' asfaltar f'din it-triq, liema xoghol se jsir matul din is-sena u rigward iz-*zebra cross* fi Triq Hal Tartarni x-xogholijiet mistenni jibdew fil-gimghat li gejjin.

Konferenza stampa dwar Vjal il-Haddiem

Konferenza stampa dwar Triq Hal Tartarni ma' Triq it-Torri

3.02 4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li dwar it-talba li ghamel il-Kunsill li l-fanali jkollhom il-*holder* li jiehu bozzoz LED il-Ministeru tar-Risozi u Affarijiet Rurali infurmana li mhux possibli minhabba li dawn il-fanali kienu diga nxtraw.

Installazzjoni ta' Fanali Progett Misrah St. Wistin u Vjal St Wistin

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi dahal ghal-laqgha fis-7.15 p.m.

3.03 4.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li sa issa kienu inbdew it-tahdidiet mal-*Polyclinic* dwar progett ta' *embellishment* ta' Triq Santa Rita u Triq San Katald.

*Measure 313 – Rural Development Programme 2007-2013*

Saret diskuzzjoni sabiex jinstab post alternattiv fejn jarma il-monti sakemm jitlesta l-progett.

Il-Kunsillier Antoine Borg issugerixxa li tintuza il-bitha tal-Iskola Primarja B.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issugerixxa li tintuza z-zona tac-Caghki. Il-Kunsill qabel unanimament li tintuza z-zona tac- Caghki. Kien hemm qbil ukoll li l-bejjieh tal-monti nurmu wiehed jarma l-ewwel wiehed minn fejn ikun hemm l-access tal-pubbliku.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima dahal ghal-laqgha fis-7.25 p.m.

3.04 4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat il-laqgha b'kont mibghut mil-Ghaqda Pawlini ghal ammont ta' € 180 ghal avviz li deher fil-*magazine* taghhom konness mal-Festa ta' San Pawl. Hija saqsiet jekk il-kunsill hux ser jimxi mal-procedura li kien mexxa dwar il-kont tal-avviz li deher fil-*magazine* tal-Ghaqda ta' San Guzepp fejn kien gie decciz li: "li ghalissa l-hlas ma jsirx sakemm il-kaz jigi konkluz bejn id-dipartiment u l-kunsill permezz tal-avukat tieghu".

Reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Guzepp

Wara diskuzzjoni li saret il-Kunsill iddecieda b'mod unanimu li jhallas iz-zewg kontijiet ghaliex dawn l-avvizi saru bhala parti mill-kultura u l-folklor tal-lokalita'. Dan minkejja li s-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni, kemm li d-Dipartiment ghal Gvern Lokali kien informa li dawn it-tip ta' hlasijiet ma setghux issiru, kif ukoll regat fakret fid-decizzjoni precedent li kien ha l-Kunsill fis-seduta F44 tal-24 ta' Mejju dwar il-kaz ta' San Guzepp. Il-Kunsill ikkonferma d-decizzjoni tieghu li jhallas iz-zewg kontijiet filwaqt li jkompli jikontesta l-kaz mad-dipartiment.

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kumpanija tal-assigurazzjoni li maghha kien inxurjat tal-Kunsill kienet infurmatna li l-kaz huwa difficli li jigi accettat mill-*underwriters*, minhabba l-fatt li dak iz-zmien il-kunsill ma kienx ghamle talba ufficcjali. L-kumpanija tal-assigurazjon tat parir lil Kunsill li sakemm l-kaz jigi konkluz mill-*underwritters* ikun ahjar li l-kunsill ihallas lil *Elmo Insurance* l-ispejjez involuti sabiex dawn ma jkomplux jipprocedu bil-qorti.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li jithallsu l-ispejjez involuti ma dan il-kaz sabiex ma jidholx fi spejjez ulterjuri. | Notifika mil-Qorti tal-Magistrati dwaril-kaz tal-vettura BBU 301 |
| 4.02 | Is-Sindku Sandro Craus qara l-bye-law dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet, attivitajiet u hargiet ir-reklami kif giet emendata mill-avukat tad-Dipartiment ghl Gvern Lokali. Il-Kunsill approva l-emendi li saru fuq din il-bye-law. | Bye-Law dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet, attivitajiet u hargiet |
| 4.03 | Is-Sindku nforma il-laqgha li l-bye-law dwar il-hammiem kienet ser tigi ippublikata fil-gimghat li gejjien | Bye-Law dwar il-hammiem |
| **5.00** | **Komunikazzjoni mil-Kunsilliera** | |
| 5.01 | Il-Vici Sindku Doris Coleiro ipproponiet li darba fil-gimgha jibda jingabar il-hgieg bhala parti mil-iskema ta' riciklagg. Il-Kunsill qabel li din l-materja ghandi tigi diskussa mal-Green MT. | Riciklar ta' hgieg |
| 5.02 | Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li Triq it-Torri l-Ahmar mhux qed tinkines b'mod regolari.<br><br>Is-Sindku qal li ser jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. | lment fuq knis go Triq it-Torri l-Ahmar |
| 5.03 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jsir *refresh* tas-sinjali tat-triq, fi Triq Mons Buhagiar. Il-Kunsill qabel. | *Refresh* tas-sinjali tat-triq, Triq Mons Buhagiar |
| 5.04 | Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li wahda mit-trejqiet tal-Qolla tinghata l-konkos. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill qabel. | Konkos lit-trejqa tal-Qolla |
| 5.05 | Il-Kunsillier Antoine Borg qal li Kola Xara u Bir ir-Riebu mhux qed immur kennies.<br><br>Is-Sindku qal li ser jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. | Ilment fuq knis go Kola Xara u Bir ir-Riebu |
| 5.06 | Il-Kunsillier Antoine Borg talab li jinqata l-haxix hazin li hemm Triq Ferris quddiem *Peter the Poter*. Il-Kunsill qabel. | Qtugh ta' haxix fi Triq Ferris |
| 5.07 | Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li ssir *Traffic Calmer* fi Triq tal-Virtu' quddiem is-seminarju. Huwa sahaq dwar il-bzonn ta' din it-*Traffic Calmer* minhabba li diversi karozzi qed jghaddu isuqu b'velocita eccessiva. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus. Il-Kunsill qabel | *Traffic Calmer* fi Triq tal-Virtu' |

| | | |
|---|---|---|
| 5.08 | Il-Kunsillier Rudolf Grima sahaq dwar il-bzonn li jsir *patching* fiz-zona ta' Gnien is-Sultan. Il-Kunsill qabel | *Patching* fiz-zona ta' Gnien is-Sultan. |
| 5.09 | Il-Kunsillier Robert Micallef qal li Triq Doni, Triq Indri Borg u Triq San Martin mhux qed jigu miknusa b'mod regolari.<br><br>Is-Sindku qal li ser jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. | Nuqqas ta' knis go Triq Doni, Triq Indri Borg u Triq San Martin |
| **6.00** | **Tiġdid ta' kwotazzjoni għal xogħol ta' manutenzjoni fuq IT - Q/073/11** | |
| 6.01 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/073/11 ghal xoghol ta' manutenzjoni fuq IT, sabiex din l-kwotazzjoni tigi mgedda ghal sena ohra.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tigi mgedda. | Tigdid ta' kwotazzjoni Q/073/11 |
| **7.00** | **Tiġdid ta' kwotazzjoni għal servizz ta' avukat - Q/074/11** | |
| 7.01 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/074/11 ghal servizz ta' avukat, sabiex din l-kwotazzjoni tigi mgedda ghal sena ohra.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tigi mgedda. | Tigdid ta' kwotazzjoni Q/074/11 |
| **8.00** | **Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti - Q/075/11** | |
| 8.01 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/075/11 ghal tisqija u zamma tal-pjanti, sabiex din l-kwotazzjoni tigi mgedda ghal sena ohra. Huwa issugerrixa li jizdiet xahar iehor fejn tidhol tisqija tal-pjanti.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tigi mgedda. | Tigdid ta' kwotazzjoni Q/075/11 |
| **9.00** | **Tiġdid ta' kwotazzjoni għal ġbir ta' annimali mejta - Q/077/11** | |
| 9.01 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/077/11 ghal gbir ta' annimali mejta, sabiex din l-kwotazzjoni tigi mgedda ghal sena ohra.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tigi mgedda. | Tigdid ta' kwotazzjoni Q/077/11 |
| **10.00** | **Tiġdid ta' kwotazzjoni għal polza ta' assikurazzjoni tal-uffiċċji tal-Kunsill - Q/079/11** | |
| 10.01 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/079/11 ghal polza ta' assikurazzjoni tal-ufficcju tal-Kunsill, sabiex din l-kwotazzjoni tigi mgedda ghal sena ohra.<br><br>Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tigi mgedda. | Tigdid ta' kwotazzjoni Q/079/11 |
| **11.00** | **Tiġdid tat-*Tender* tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq il-** | |

**Kulleġġ – T/098/2011**

11.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* T/098/2011 ghal tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kullegg, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Tigdid tat-*tender* T/098/2011

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

**12.00 Tiġdid tat-*Tender* għall-Provista u tqegħid ta' blokok ta' pavimentar tal-konkos fi Triq Francesco Azopardi - T/113/2012**

12.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* T/113/2012 ghall-provista u tqeghid ta' blokkok ta' pavimentar tal-konkos fi Triq Francesco Azopardi – Kuntrattur is-Sur Vince Galea, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal tlett xhur ohra. Tigdid tat-*tender* T/113/2012

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

**13.00 Għażla tat- *Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita – T/106/2012**

13.01 Is-Sindku pprezenta t-*tender* T/106/2012 – *Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Huwa ppropona li t-*tender* jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill. Għażla tat- *Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita – T/106/2012

Is-Sindku Alexander Craus issegerixxa li tinghazel l-offerta tas-Sur Joseph Vassallo ghaliex l-Kunsill diga ghandu esperjenza tas-servizz tieghu peress li s-Sur Vassallo huwa l-kuntrattur kurrenti li jiehu hsieb din il-latrina.

Is-Sindku Alexander Craus irrimarka li s-Sur Vassallo dejjem zamm il-latrina fl-ahhar kundizzjoni kemm fejn tidhol manutenzjoni kif ukoll indafa. Hu kompla billi qal li dawn l-ahhar snin l-ilmenti dwar din il-latrina naqsu drastikament komparati ma snin ohra.

Peress li diversi kunsiliera ma qablux li ghandha tinghazel l-ghola offerta is-Segretarju Ezekuttiv talbet li jittiehed vot li ghada b'erbgha voti favur, erbgha voti kontra u l-*casting vot* tas-Sindku.

Il-vot ghadda li dan it-*tender* ghandu jinghata lis-Sur Joseph Vassallo.

**14.00 Għażla tat-*Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun – T/107/2012**

14.01 Is-Sindku pprezenta t-tender T/107/2012 – *Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Ġnien Bir Iljun. Huwa ppropona li t-tender jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill. Għażla tat-*Tender* għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun – T/107/2012

Is-Sindku Alexander Craus issegerixxa li tinghazel l-offerta tas-Sur Sebastion Vassallo ghaliex l-Kunsill diga ghandu esperjenza tas-servizz tieghu peress li s-Sur Vassallo huwa l-kuntrattur kurrenti li jiehu hsieb din il-latrina.

Is-Sindku Alexander Craus irrimarka li s-Sur Vassallo dejjem ta servizz tajjeb lil Kunsill u dejjem zamm il-latrina fl-ahhar kundizzjoni possibli.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* ghandhu jinghata lis-Sur Sebastion Vassallo.

**15.00 Għażla tat-*Tender* għas-servizzi professjonali ta' perit għall-Kunsill u *Contract Manager* – T/108/2012**

15.01 Is-Sindku pprezenta t-tender T/108/2012 – *Tender* għas-servizzi professjonali ta' perit għall-Kunsill u *Contract Manager*. Huwa ppropona li t-tender jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill.

Għażla tat-*Tender* għas-servizzi professjonali ta' perit għall-Kunsill u *Contract Manager* – T/108/2012

Is-Sindku fakkar li l-Kumitat tal-Offerti kien iltaqgha l-Gimgha 13 ta' April fejn iddecieda li jahtar lil *Accountant* tal-Kunsill is-Sur Paul Bugeja, lil Kunsillier Peter Paul Azzopardi u lil Kunsillier Dr. Robert Micallef sabiex jiggudikaw dan it-*tender.*

Is-Sindku kompla billi talab lil Kunsillier Robert Micallef sabiex jghati spjega dwar l-ghazla ta' dan it-*tender*.

Il-Kunsillier Robert Micallef qal li wara li kienet saret talba ta' kjarifikazzjoni lil applikanti kollha, il-Kumitat mahtu kien qed jissugerixxi li tinghazel l-offerta tas-Sur Daniel Micallef. Huwa irrimarka li s-Sur Micallef kien qed joffri numru ta' sevizzi zghar minghajr hlas, liema servizzi il-kunsill ta' spiss jaghmel uzu minnhom.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kumitat mahtur li dan it-*tender* ghandhu jinghata lis-Sur Daniel Micallef.

**16.00 Għażla tat-*Tender* għal xogħlijiet ta' *patching* fit-toroq tar-Rabat – T/115/2012**

16.01 Is-Sindku pprezenta t-*tender* T/115/2012 – *Tender* għal xogħlijiet ta' patching fit-toroq tar-Rabat. Huwa qed jipproponi li t-*tender* jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill.

Għażla tat-*Tender* għal xogħlijiet ta' *patching* fit-toroq tar-Rabat – T/115/2012

Is-Sindku Alexander Craus issegerixxa li naghzlu l-offerta tal-kumpanija *Central Asphalt Ltd* ghaliex l-Kunsill diga ghandu esperjenza tax-xogholijiet taghhom peress li diga huma kuntratturi tal-Kunsill.

Is-Sindku Alexander Craus irrimarka li l-kumpanija *Central Asphalt* dejjem gharfu l-essiggenzi tal-lokalita' u taw servizz bl-ahjar mod possibli lil l-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* ghandhu jinghata lil *Central Asphalt Ltd*

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jigi skuzat fis-9.20p.m

**17.00 *Objection* dwar applikazzjoni mal-MEPA – PA/01248/12**

Is-Sindku Alexander Craus resaq għall-attenzjoni tal-Kunsill oġġezzjoni li huwa għamel fil-kariga ta' Sindku u allura f'isem il-Kunsill għal żvilupp li ser isir ġo Triq

*Objection* dwar applikazzjoni mal-MEPA –

Ġorg Borg Olivier, numru tal-applikazzjoni PA/01248/12. Hu qal li din l-oġġezzjoni għamilha wara li gie avviċinat minn residenti li ser jiġu milquta minn dan l-iżvilupp u wara li mar magħhom fuq is-sit u seta jara b'għajnejh il-ħsara ambjentali u arkeoloġika li ser jikkaġuna dan l-iżvilupp. PA/01248/12

Il-Kunsillier Antoine Borg, l-Kunsillier Rudolf Grima u l-Kunsillier Robert Micallef oġġezzjonaw għall-fatt li s-Sindku Alexander Craus bagħat l-oġġezzjoni f'isem il-Kunsill bla ma ressaq din il-materja għad-diskussjoni.

L-ex Sindku Rudolf Grima qal li din mhux l-ewwel darba li qed issir din l-applikazzjoni, tant hu hekk li fil-passat saru applikazzjonijiet minn sidien differenti fejn tal-anqas f'żewg okkażjonijiet, kunsilli preċedenti oġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp wara li l-materja kienet tressqet ghad-diskussjoni f'seduta tal-kunsill.

Is-Sindku Alexander Craus kompla billi qal li ma kellux alternattiva ħlief li jibgħat l-oġġezzjoni minħabba l-fatt li sakemm kienet ser issir l-laqgħa tal-kunsill il-perjodu taż-żmien mogħti mill-MEPA biex tilq' l-oġġezzjonijet kien ser ikun skada. Huwa saħaq li jekk hemm kunsilliera li mhux qed jaqblu li saret l-oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp mill-Kunsill Lokali tar-Rabat, hu lest li jerfa' r-responsabiltà personali billi jikteb lill-MEPA fejn jgħid li hu qed joġġezzjona personalment u mhux bħala Sindku, dan għaliex minn dak li ra dan l-iżvilupp mhux ser ikun ta' ġid għar-residenti u ż-żona tal-madwar.

**18.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A18**

18.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A18 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Bahrija A18

**19.00 Minuti Kumitat Amministattiv Virtu A20**

19.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A20 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtu A20

**20.00 Minuti Kumitat Amministattiv Virtu A21**

20.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A20 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtu A21

**21.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

21.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 209 tigi L-iskeda tal-hlasijiet numru 209

approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Paul Azzopardi.

Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li jinhareg il-pagament dovut lis-Sur Vince Galea li l-ammont tieghu huwa ta' €21,131.65 ghal xoghol li sar fuq il-bankina ta' Triq Francesco Azzopardi tal-Virtu'. Dan minhabba li fil-granet li gejjien l-Kunsill irrid jipprezenta lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali l-ircevuti fiskali ta' dan l-pagament, peress li din il-bankina saret taht skema mahruga mil-istess dipartiment. Hlas dovut lis-Sur Vince Galea

Ghaldaqstant peress li l-perjodu tal-hlasa ser jkun bejn zewg seduti, hi tablet l-approvazzjoni biex dan il-pagament jsir bl-*improviso* li dan jidahal fl-iskeda tal-pagamenti li jkun imiss. Il-Kunsill qabel u approva.

**22.00 Aggornament**

22.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 19 ta' Lulju 2012 fis-7.00 p.m. Aggornament

22.02 Il-laqgha ntemmet fil-10.45 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**